Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Ottubru 2021**
**(OR. en)**

**12390/21**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0289(COD)**

**CODEC 1274**
**ENV 712**
**JUR 534**
**JUSTCIV 147**
**ONU 88**

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjonijiet |

**Dikjarazzjoni konġunta mil-Lussemburgu, l-Awstrija u d-Danimarka**

Fi spirtu ta' kompromess, il-Lussemburgu, l-Awstrija u d-Danimarka jistgħu jaċċettaw il-qbil dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

Madankollu, il-Lussemburgu, l-Awstrija u d-Danimarka jiddispjaċihom li l-kwistjoni tal-għajnuniet mill-Istat ma ġietx indirizzata f'dan il-fajl u li ġew introdotti dispożizzjonijiet importanti fil-fażi tat-trilogu mingħajr valutazzjoni jew analiżi xierqa.

Il-Lussemburgu, l-Awstrija u d-Danimarka jfakkru li l-Konvenzjoni ta' Aarhus hija strument emblematiku għad-demokrazija ambjentali.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu juru livell għoli ta' ambizzjoni f'dan ir-rigward, inkluż fid-dawl ta' kawżi pendenti ta' konformità.